Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2006/807/PESK

ta' l-20 ta' Novembru 2006

li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani

(ĠU L 200M, 1.8.2007, p. 201)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/808/PESK tas-6 ta' Diċembru 2007	L 323	56	8.12.2007

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2006/807/PESK

ta' l-20 ta' Novembru 2006

li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Waqt li jikkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/797/PESK ta' l-14 ta' Novembru 2005 dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tagħha, flimkien mat-tieni inċiż ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz ta' l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK, il-Kunsill stabbilixxa Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (minn hawn 'il quddiem "EUPOL COPPS") għal perjodu ta' 3 snin. Il-fażi operattiva ta' l-EUPOL COPPS bdiet fl-1 ta' Jannar 2006.

(2) Skond l-Artikolu 14(2) ta' dik l-Azzjoni Konġunta, il-baġit finali tal-EUPOL COPPS għas-sena 2007 għandu jiġi deċiż,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

▼M1

Artikolu 1

1. Il-baġit finali maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-missjoni mill-1 ta' Jannar 2007 sad-29 ta' Frar 2008 għandu jkun ta' EUR 2 800 000.

2. Il-baġit ta' l-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008 għandu jiġi deċiż mill-Kunsill qabel id-29 ta' Frar 2008.

▼B

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 300, 17.11.2005, p. 65.